# L-Abbuż fuq l-Anzjani u r-Riforma fil-Liġi

L-Awstralja għandha popolazzjoni li qed tixjieħ malajr u, magħha hemm potenzjalment numru dejjem jiżdied ta' abbużi fuq l-anzjani. Il-liġijiet Awstraljani kif jirrispondu għall-abbuż fuq l-anzjani, u kif jistgħu jipproteġu aħjar lill-Awstraljani anzjani? Din hija mistoqsija li kurrentement qed tistudja l-Kummissjoni Awstraljana dwar ir-Riforma fil-Liġi (ALRC) (Australian Law Reform Commission (ALRC)).

L-abbuż fuq l-anzjani jista' jkun fiżiku, sesswali, psikoloġiku, jew finanzjarju. Rapport tal-2016 mill-Istitut Awstraljan għall-Istudji tal-Familja (Australian Institute of Family Studies) jissuġġerixxi li l-aktar forma komuni ta' abbuż hija finanzjarja u ssir mill-membri tal-familja, pereżempju fejn tfal adulti jieħdu vantaġġ mill-ġenituri anzjani tagħhom biex ikollhom aċċess għad-dar jew għat-tfaddil tagħhom għall-użu u l-benefiċċju personali tagħhom. In-nisa anzjani huma l-aktar vittmi komuni tal-abbuż finanzjarju u huma wkoll l-aktar suxxettibbli għall-vjolenza fil-familja.

Persuni anzjani minn sfondi fejn ma jitkellmux l-Ingliż jistgħu jkunu aktar vulnerabbli għall-abbuż tal-anzjani billi ma jkunux jafu jitkellmu Ingliż tajjeb u b'hekk ma jkunux jistgħu jaċċessaw informazzjoni jew servizzi. Għall-migranti reċenti, din tista' taggrava jekk jitilfu n-netwerks ta' appoġġ informali. Jista' wkoll ikun hemm fatturi kulturali li jaffettwaw il-mod kif l-abbuż fuq l-anzjani huwa meqjus u indirizzat f'komunitajiet differenti.

Waqt li qed tara kif il-liġijiet tal-Commonwealth jistgħu jipproteġu aħjar lill-anzjani Awstraljani, l-ALRC qed tħares ukoll lejn il-liġijiet fl-oqsma tal-istituzzjonijiet finanzjarji, is-superannwazzjoni, is-sigurtà soċjali, il-kura tal-anzjani u l-konsulenza dwar is-saħħa madwar l-Awstralja ma' organizzazzjonijiet u individwi li jaħdmu f'dawn l-oqsma.

L-LRC hija ħerqana b'mod partikolari biex tisma' l-perspettivi dwar l-abbuż fuq l-anzjani mill-komunità tiegħek. Jekk għandek esperjenza jew rajt abbuż fuq l-anzjani, tista' tibgħat l-istorja tiegħek bl-email lil elder_abuse@alrc.gov.au jew iċċempel (02) 8238 6300.

L-ALRC se tippubblika d-Dokument dwar Kwistjonijiet ta' Abbuż fuq l-Anzjani (Elder Abuse Issues Paper) fil-15 ta' Ġunju 2016, tista' tarah jew tniżżlu bla ħlas fuq www.alrc.gov.au/publications/elder-abuse